**<u>Minuti tat-tnejn u tmenin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter</u>**

It-82 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter saret nhar il-Ħamis 9 ta' Ġunju 2016. Il-laqgħa bdiet fis-6.20 ta' filgħaxija b'talba.

<u>Item 1 - Attendenza u apoloġiji</u>

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sur Mario Bartolo, is-Sur Nicholas Azzopardi u s-Sur Joseph Agius. Is-Sur Norman Clews daħal għal-laqgħa fis-6.40 ta' filgħaxija. Is-Sur Luciano Farrugia kien skużat.

<u>Item 2 – Approvazzjoni tal-minuti</u>

Il-minuti tal-81 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekonda mis-Sur Agius.

<u>Item 3 – Mistoqsijiet u affarijiet mill-minuti</u>

Iċ-*Chairperson* informa lill-Kumitat Amministrattiv illi kien inbeda x-xogħol ta' *resurfacing* madwar il-bandli ta' St Peter.

Iċ-*Chairperson* qal ukoll li kellu diskussjoni mal-Onorevoli Dr Stefan Buontempo u mal-uffiċjali tas-Segretarju Parlamentari s-Sinjuri Carmel Vassallo u Joan Agius. Iċ-*Chairman* qal li ġew diskussi x-xogħol fil-*playing field* u r-*resurfacing* tat-toroq tal-madwar kif ukoll il-finanzjament ta' dan il-proġett. Issemmiet ukoll il-ħtieġa li l-istemma uffiċjali tal-Kumitat Amministrattiv tkun tista' tibda tintuża mill-Kumitat.

Fis-6.40 is-Sur Clews daħal għal-laqgħa.

<u>Item 4 – Korrispondenza</u>

Dwar l-ittra mingħand is-Sinjura Rizzo, residenta fi Triq iż-Żarżarell, il-Kumitat qabel unanimament fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Clews illi din it-triq tingħata prijorità u li meta l-Kumitat ikollu l-fondi kollha disponibbli, din it-triq tiġi rranġata.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Iċ-*Chairperson* qal li kien ser jitlob li jitneħħa l-qasab li qiegħed jostakola Triq il-Farfett tal-Fejġel u qasab ieħor li hemm fi trejqa mingħajr isem bejn Triq iż-Żarżarell u Triq il-Farfett tal-Fejġel.

Item 6 – Affarijiet oħra

Iċ-*Chairperson* talab li titwaħħal tabella tal-klieb u jitwaħħal *dustbin* fi Triq il-Farfett tal-Fejġel fil-viċinanzi tal-ġibjun.

Iċ-*Chairperson* qal li ser jitlob li ssir laqgħa mal-*Liason Officer* tal-Pulizija sabiex jiġu diskussi numru ta' lmenti pendenti.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-83 laqgħa tal-Kumitat li saret nhar il-Ħamis, 7 ta' Lulju 2016.

Mario Bartolo
*Chairperson*